Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Diċembru 2006

fir-rigward ta' ċerti miżuri ta' ħarsien relatati ma' l-influwenza tat-tjur li għandha patoġeniċità għolja u l-movimenti ta' għasafar domestiċi li huma akkumpanjati mis-sid tagħhom fil-Komunità

(notifikat bid-dokument numru C(2006) 6958)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/25/KE)

(ĠU L 219M, 24.8.2007, p. 53)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/876/KE tad-19 ta' Diċembru 2007	L 344	50	28.12.2007
►**M2**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/6/KE tas-17 ta' Diċembru 2008	L 4	15	8.1.2009
►**M3**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/818/KE tas-6 ta' Novembru 2009	L 291	27	7.11.2009
►**M4**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/734/UE tat-30 ta' Novembru 2010	L 316	10	2.12.2010
►**M5**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/248/UE tas-7 ta' Mejju 2012	L 123	42	9.5.2012
►**M6**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 158	74	10.6.2013
►**M7**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/635/UE tal-31 ta' Ottubru 2013	L 293	40	5.11.2013
►**M8**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2225 tat-30 ta' Novembru 2015	L 316	14	2.12.2015

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Diċembru 2006

fir-rigward ta' ċerti miżuri ta' ħarsien relatati ma' l-influwenza tat-tjur li għandha patoġeniċità għolja u l-movimenti ta' għasafar domestiċi li huma akkumpanjati mis-sid tagħhom fil-Komunità

(notifikat bid-dokument numru C(2006) 6958)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/25/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) 998/2003 tas-26 ta' Mejju 2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali ta' l-annimali domestiċi u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 18 tiegħu,

Billi:

(1) Wara t-tifqigħa ta' l-influwenza tat-tjur fix-Xlokk ta' l-Ażja fl-2004, ikkawżata minn razza tal-vajrus b'patoġeniċità għolja, il-Kummissjoni adottat bosta miżuri ta' ħarsien marbuta ma' din il-marda. Dawk il-miżuri jinkludu b'mod partikolari d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/756/KE tas-27 ta' Ottubru 2005 dwar ċerti miżuri ta' ħarsien relatati ma' l-influwenza tat-tjur li għandha patoġeniċità għolja f'ċerti pajjiżi terzi u l-movimenti minn pajjiżi terzi ta' għasafar li huma akkumpanjati mis-sid tagħhom [2] Id-Deċiżjoni 2005/759/KE bħalissa tapplika sal-31 ta' Diċembru 2006.

(2) Tifqigħat ta' l-influenza tat-tjur ikkawżati mill-influenza tat-tjur mir-razza H5N1 b'patoġeniċità għolja għadhom iseħħu fuq bażi regolari f'ċerti pajjiżi membri ta' l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa ta' l-Annimali (OIE), li jinkludu pajjiżi li qabel ma kinux affetwati. Il-marda għalhekk għadha ma ġietx ikkontrollata. Barra minn hekk, f'pajjiżi madwar id-dinja għadhom jinstabu każijiet ta' infezzjoni fil-bnedmin u anki mwiet b'riżultat ta' kuntatt mill-qrib ma' għasafar infettati.

(3) Wara talba mill-Kummissjoni, il-Bord (EFSA) fuq is-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali (AHAW) matul il-laqgħa fis-26/27 ta' Ottubru 2006 adotta Opinjoni Xjentifika dwar ir-riskji fuq is-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali assoċjati ma' l-importazzjoni ta' għasafar selvaġġi minbarra tjur ta' l-irziezet fil-Komunità. Din l-opinjoni tindika r-riskji tal-firxa tal-mard virali bħalma huma l-influenza tat-tjur u l-Marda Newcastle via l-importazzjoni ta' għasafar minbarra tjur ta' l-irziezet u tidentifika mezzi u għażliet possibli li jistgħu jnaqqsu kull riskju għas-saħħa ta' l-annimali li jista' jiġi identifikat fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' dawn l-għasafar. Barra minn hekk l-opinjoni tindika li huwa rari li tkun

[1] ĠU L 146, 13.6.2003, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1467/2006 (ĠU L 274, 5.10.2006, p. 3).

[2] ĠU L 285, 28.10.2005, p. 52; Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2006/522/KE (ĠU L 205, 27.7.2006, p. 28).

▼B

tista' tiddistingwi b'ċertezza bejn għasafar "maqbuda fis-selvaġġ" u għasafar "mrobbija", peress li l-metodi ta' markar jistgħu jkunu applikati lil tipi differenti ta' għasafar mingħajr ma jkun possibbli li tiddistingwi bejniethom.

(4) Dawn il-konklużjonijiet jisgħtu wkoll ikunu applikati għal moviment ta' għasafar domestiċi minn pajjiżi terzi. Sabiex tkun garantita distinzjoni ċara bejn għasafar maqbudin fis-selvaġġ għall-importazzjoni kummerċjali u għasafar domestiċi, il-moviment ta' għasafar ħajjin domestiċi għandu jibqa' suġġett għall-kundizzjonijiet stretti, mingħajr distinzjoni fil-pajjiż ta' l-oriġini, sabiex ikun żgurat l-istatus ta' l-għasafar domestiċi u biex jiġi evitat it-tixrid ta' dak il-mard virali. Għalhekk huwa xieraq li l-applikazzjoni tal-miżuri stabbiliti bid-Deċiżjonijiet 2005/759/KE tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2007.

(5) Mill-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni 2005/759/KE ġiet emendata bosta drabi. Fl-interess taċ-ċarezza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, id-Deċiżjoni 2005/759/KE għandha tiġi revokata u mibdula b'din id-Deċiżjoni.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikoli 1

Moviment mill-pajjiżi terzi

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw il-moviment mill-pajjiżi terzi ta' l-għasafar tad-dar ħajjin mill-pajjiżi terzi biss fejn il-konsenja ikun fiha mhux iktar minn ħames għasafar u:

(a) l-għasafar jiġu minn pajjiż membru ta' l-OIE li qiegħed taħt il-kompetenza tal-Kummissjoni Reġjonali mniżżla fil-Parti A ta' l-Anness I; jew

(b) l-għasafar jiġu minn pajjiż membru ta' l-OIE li qiegħed taħt il-kompetenza tal-Kummissjoni Reġjonali mniżżla fil-Parti B ta' l-Anness I fuq kundizzjoni li l-għasafar;

▼M4

(i) inżammu iżolati għal 30 jum qabel l-esportazzjoni fil-post tat-tluq f'pajjiż terz elenkat fil-Parti 1 tal-Anness I jew il-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 ([1]), jew

▼M2

(ii) jinżammu fil-kwarantina għal 30 jum wara l-importazzjoni ġol-Istat Membru destinatarju f'postijiet approvati skond l-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 318/2007 ([2]), jew

▼B

(iii) ġew, fi żmien l-aħħar sitt xhur u mhux aktar minn 60 ġurnata qabel it-tluq mill-pajjiż terz, ġew imlaqqma, u ta' lanqas f'okkażjoni waħda mlaqqma mill-ġdid, kontra l-influwenza tat-tjur bl-użu tat-tilqima H5 approvata għall-ispeċi ikkonċernata skond l-istruzzjonijiet tal-manifattur; jew

([1]) ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1.
([2]) ĠU L 84, 24.3.2007, p. 7.

▼M4

(iv) inżammu iżolati għal mill-inqas 10 ijiem qabel l-esportazzjoni u għamlu test biex jindividwaw l-antiġenu jew il-ġenoma tal-influwenza avjarja H5N1 kif stabbilit fil-Kapitolu tal-Manwal ta' Testijiet Dijanostiċi u Vaċċini għall-Annimali Terrestri, kif aġġornat b'mod regolari mill-OIE, mwettaq fuq kampjun meħud mhux qabel it-tielet ġurnata ta' iżolament.

▼B

2. Il-konformità mal-kundizzjonijiet fil-paragrafu 1 se tiġi ċċertifikata minn veterinarju uffiċjali, fil-każ tal-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 1(b)(ii) ibbażat fuq id-dikjarazzjoni tas-sidien, fil-pajjiż terz tat-tluq skond iċ-ċertifikat mudell previst fl-Anness II.

3. Iċ-ċertifikat veterinarju jrid ikun appoġġjat b'dikjarazzjoni tas-sid jew rappreżentant tas-sid b'konformità ma' l-Anness III.

Artikolu 2

Kontrolli veterinarji

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw illi għasafar domestiċi mċaqalqa fit-territorju tal-Komunitarju minn pajjiż terz huma suġġetti għall-kontrolli tad-dokumenti u ta' l-identità mill-awtoritajiet kompetenti fil-punt tad-dħul tal-vjaġġatur fit-territorju Komunitarju.

2. L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet msemmija f'paragrafu 1 responsabbli għal dawn il-kontrolli u għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bihom minnufih.

3. Kull wieħed mill-Istati Membri għandu jfassal lista tal-postijiet tad-dħul kif imsemmija fil-paragrafu 1 u jibgħatha lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

4. Meta dawn il-kontrolli juru li l-annimali ma jilħqux il-ħtiġiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, għandu japplika t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għall-moviment lejn it-territorju Komunitarju ta' għasafar li jakkumpanjaw lis-sidien tagħhom minn Andorra, ►M6 ———— ◄ il-Gżejjer Faeroe, Greenland, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, Monako, in-Norveġja, San Marino, l-Iżvizzera u l-Istat tal-Belt tal-Vatikan.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom minnufih jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni u jippubblikaw dawk il-miżuri. Huma għandhom jinformaw immedjatament lill-Kummissjoni dwar dan.

Artikolu 5

Id-Deċiżjoni 2005/759/KE hija revokata.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika ►M8 sal-31 ta' Diċembru 2017 ◄.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

ANNESS I

PARTI A

Il-pajjiżi membri ta' l-OIE li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kummissjonijiet Reġjonali ta' l-OIE msemmija fl-Artikolu 1(1)(a):

PARTI B

Il-pajjiżi membri ta' l-OIE li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kummissjonijiet Reġjonali ta' l-OIE msemmija fl-Artikolu 1(1)(b):

— l-Afrika,

— l-Ameriki,

— L-Ażja, il-Lvant Imbiegħed u l-Oċeanja

— l-Ewropa, u

— l-Lvant Nofsani

▼M4

ANNESS II

PAJJIŻ **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Tel.

I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a.

I.3. Awtorità kompetenti ċentrali

I.4. Awtorità kompetenti lokali

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Tel.

I.6.

I.7. Pajjiż ta' oriġini | Kodiċi ISO | I.8. Reġjun ta' oriġini | Kodiċi

I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni | Kodiċi ISO | I.10.

I.11. Pajjiż ta' oriġini
Isem | Numru ta' approvazzjoni
Indirizz
Isem | Numru ta' approvazzjoni
Indirizz
Isem | Numru ta' approvazzjoni
Indirizz

I.12. Post ta' destinazzjoni:
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.13. Post ta' tagħbija

I.14. Data tat-tluq

I.15. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun ferrovjarju ☐
Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni
Referenzi dokumentarji

I.16.

I.17. Nru(i) tas-CITES

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott baziku

I.19. Kodiċi tal-prodott bażiku (Kodiċi SA)

I.20. Kwantità

I.21.

I.22. Għadd ta' pakketti

I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur

I.24.

I.25. Prodotti bażiċi ċertifikati għal:
Annimali domestiċi ☐ Kwarantina ☐

I.26.

I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti bażiċi

Speċi (Isem xjentifiku)	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Kwantità

▼M4

PAJJIŻ **Għasafar domestiċi**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Jiena, hawn taħt sottoskritt, veterinarju uffiċjali ta' ..... (ikteb isem it-tielet pajjiż) niċċertifika li:

1. Il-post tad-dispaċċ huwa pajjiż membru tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) u jappartjeni għall-Kummissjoni Reġjonali tal-OIE għal ..... (ikteb isem il-Kummissjoni Reġjonali).

2. Illum, fi żmien 48 siegħa jew l-aħħar jum ta' ħidma qabel ma jintbagħtu, l-għasfur (għasafar) deskritt(i) fil-punt I.28 għadda(ew) minn spezzjoni klinika u nstabu ħielsa minn sinjali ovvji ta' mard;

(1) *jew* [3. L-għasfur (għasafar) jikkonforma(w) ma' mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet mniżżlin hawn taħt:

(1) *jew* [jiġi/jiġu minn pajjiż terz elenkat fil-Parti 1 tal-Anness I jew il-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 ġie/ġew iżolati fil-bini speċifikat fil-punt I.11. taħt superviżjoni uffiċjali għal mill-inqas 30 jum qabel id-data tad-dispaċċ u protetti b'mod effettiv mill-kuntatt ma' kwalunkwe għasfur (għasafar) ieħor (oħra);]

(1) *jew* [ġie/ġew imlaqqam/imlaqqma fi ..... [jj/xx/ssss] u mill-inqas darba ġie/ġew imlaqqam/imlaqqma mill-ġdid fi on ..... [jj/xx/ssss] fl-aħħar sitt xhur u mhux aktar tard minn 60 jum qabel id-data tad-dispaċċ, skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur kontra l-influwenza avjarja bl-użu ta' vaċċin H5, li mhuwiex vaċċin ħaj u approvat għall-ispeċi kkonċernata fil-pajjiż terz tad-dispaċċ jew mill-inqas fi Stat Membru wieħed tal-Unjoni Ewropea;]

(1) *jew* [ġie/ġew iżolat(i) għal mill-inqas 10 ijiem qabel id-data tad-dispaċċ u għamlu test biex jindividwaw l-antiġenu jew il-ġenoma tal-influwenza avjarja H5N1 kif stabbilit fil-Kapitolu 2.3.4. dwar l-influwenza avjarja tal-Manwal ta' Testijiet Dijanostiċi u Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-OIE, kif aġġornat b'mod regolari, mwettaq fuq kampjun meħud fi on ..... [jj/xx/ssss], mhux qabel mit-tielet jum ta' iżolament;]]

(1) *jew* [3. Is-sid/persuna responsabbli għall-għasfur (għasafar) iddikjara(t) li huwa/hija għamel (għamlet) l-arranġamenti għall-kwarantina ta' 30 jum ta' wara d-dħul f'faċilità jew ċentru ta' kwarantina approvata skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 318/2007].

4. Is-sid jew ir-rappreżentant tiegħu ddikjara li:

4.1. L-għasfur (għasafar) huwa/huma 'annimal(i) domestiku(ċi)' ' kif definit fl-Artikolu 3(a) tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 maħsub għall-ġarr mhux kummerċjali.

4.2. Waqt il-perjodu ta' bejn l-ispezzjoni veterinarja ta' qabel il-ġarr u t-tluq attwali l-għasfur (għasafar) jibqa' (jibqgħu) iżolat(i) minn kull possibiltà ta' kuntatt ma' għasfur (għasafar) ieħor (oħra).

(1) *jew* [4.3. L-għasfur (għasafar) ġie/ġew iżolat(i) fil-bini għal mill-inqas 30 jum eżatt qabel id-data tad-dispaċċ mingħajr ma ġie/ġew f'kuntatt ma' kwalunkwe għasfur (għasafar) ieħor/oħra.]

(1) *jew* [4.3. L-għasfur (għasafar) wettaq/wettqu l-iżolament ta' qabel il-ġarr ta' 10ijiem.]

(1) *or* [4.3. Saru l-arranġamenti għall-kwarantina ta' wara l-introduzzjoni ta' 30 jum tal-għasfur (għasafar) fil-bini tal-kwarantina ta' .....]

Noti

Parti I:

— Kaxxa ta' referenza I.8: Ipprovdi il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-Parti 1 tal-Anness 1 jew fil-Parti I tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010.

— Kaxxa ta' referenza I.15: Għandhom jingħataw in-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni ferrovjarji jew kontejners u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (vapur).

— Kaxxa ta' referenza I.19: Uża l-kodiċijiet SA xierqa: 01.06.31, 01.06.32, 01.06.39.

— Kaxxa ta' referenza I.23: Għal kontejners jew kaxxi, in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (jekk ikun il-każ) għandhom jiġu inklużi.

— Kaxxa ta' referenza I.28: *Sistema ta' identifikazzjoni:* The birds must bear:

Numru individwali li jippermetti li jiġi traċċat il-bini tal-oriġini tagħhom. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal pereżempju klipp, faxxa tas-sieq, mikroċippa, transponder, tikketta).

▼M4

PAJJIŻ **Għasafar domestiċi**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II:

(1) Żomm skont il-każ.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem. F'każ li l-ġarr se jsir fuq il-baħar il-validità tiġi mtawwla biż-żmien tal-vjaġġ.

Veterinarju uffiċjali jew spettur uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifiki u titolu:

Unità veterinarja lokali Nru tal-UVL:

Data: Firma:

Timbru:

▼M4

ANNESS III

DIKJARAZZJONI

Jiena, is-sid [a]/persuna responsabbli għall-għasfur (għasafar) f'isem is-sid [a] hawn taħt sottoskritt niddikjara:

1. L-għasfur (għasafar) qiegħed (qegħdin) jakkumpanja(w) il-persuna sottosrkritta u mhux (mhumiex) maħsub(a) li jinbiegħ(u) jew li jiġi(u) trasferit(i) lil sid ieħor.

2. L-għasfur (għasafar) se jibqa' (jibqgħu) taħt ir-responsabbiltà tal-persuna sottoskritta matul il-ġarr mhux kummerċjali tiegħu/tagħhom.

3. Waqt il-perjodu ta' bejn l-ispezzjoni veterinarja ta' qabel il-ġarr u t-tluq attwali l-għasfur (għasafar) jibqa' (jibqgħu) iżolat(i) minn kull possibiltà ta' kuntatt ma' għasfur (għasafar) ieħor (oħra); kif ukoll;

4. *[a] jew* [L-għasfur (għasafar) ġie/ġew iżolat(i) fil-bini għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum eżatt qabel id-data tad-dispaċċ mingħajr ma ġie/ġew f'kuntatt ma' kwalunkwe għasfur (għasafar) ieħor/oħra.]

   [a] jew L-għasfur (għasafar) wettaq/wettqu l-iżolament ta' qabel il-ġarr ta' 10 ijiem.]

   [a] jew [Għamilt l-arranġamenti għall-kwarantina ta' wara l-introduzzjoni ta' 30 jum tal-għasfur (għasafar) fil-bini tal-kwarantina ta' ....., kif indikat fiċ-Ċertifikat korrispondenti.]

....

(Data u Post) (Firma)

[a] Żomm kif xieraq.